

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Sekwestru Tat-tfal Mill-ġenituri](#) > L-ipproċessar ta' każijiet ta' ritorn li jkunu deġlin mill-Awtoritajiet Ċentrali

L-ipproċessar ta' każijiet ta' ritorn li jkunu deġlin mill-Awtoritajiet Ċentrali

Uliedek ittieħdu f'pajjiż ieħor tal-UE mingħajr il-kunsens tiegħek jew bi ksur ta' deċiżjoni tal-qorti? L-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu jgħinuk tiegħu l-passi meħtieġa biex tniedi proċedimenti legali u tordna r-ritorn ta' wliedek.

1 Liema regoli tal-UE japplikaw?

Meta minuri jkunu ttieħdu jew inżammu fi Stat Membru għajr l-Istat Membru fejn il-minuri jkunu normalment għexu qabel il-ħtif u dan kiser id-drittijiet ta' kustodja ta' persuna oħra, tapplika l-[Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980](#), kif ikkomplementata mill-Kapitoli III u IV tar-[Regolament Brussell IIb](#). Ir-Regolament japplika fil-pajjiżi kollha tal-UE ħlief għad-Danimarka.

Il-Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIb tinsab f'din il-paġna: [Il-pubblikazzjonijiet tan-NĠE](#).

2 X'inhuma l-Awtoritajiet Ċentrali u kif jistgħu jsiru l-applikazzjonijiet għar-ritorn?

L-Awtoritajiet Ċentrali huma korpi pubbliċi maħtura minn kull Stat Membru biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni amministrattiva u ġudizzjarja fi kwistjonijiet transfruntiera tal-familja. Biex tidentifika l-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru tiegħek, tista' żżur il-link f'qiegħ din il-paġna.

Kwalunkwe persuna, istituzzjoni jew korp ieħor li jiddikjara li minuri tneħħew jew inżammu bi ksur tad-drittijiet ta' kustodja jista' japplika għand l-Awtorità Ċentrali tar-residenza abitwali tal-minuri jew l-Awtorità Ċentrali ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor għal assistenza biex jiġi żgurat ir-ritorn tal-minuri.

L-applikazzjoni għandu jkollha:

- informazzjoni dwar l-identità tal-applikant, tal-minuri u tal-persuna li allegatament tkun ħatfet jew żammet il-minuri.
- fejn disponibbli, id-data tat-twelid tal-minuri.
- ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata t-talba tal-applikant għar-ritorn tal-minuri.
- l-informazzjoni kollha disponibbli rigward fejn jinsab il-minuri u l-identità tal-persuna li magħha huwa preżunt li jinsab il-minuri.

It-talba għar-ritorn skont il-Konvenzjoni ta' The Hague tal-1980 tista' tinstab [hawnhekk](#).

3 X'inhuma l-funzjonijiet ewlenin tal-Awtoritajiet Ċentrali f'każijiet ta' ħtif

ta' minuri?

L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom rwol ta' appoġġ matul il-proċedimenti ta' ritorn. Huma jikkooperaw mal-Awtoritajiet Ċentrali fi Stati Membri oħra u jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u amministrattivi kompetenti, u b'hekk jipromwovu r-ritorn immedjat tal-minuri.

B'mod partikolari, l-Awtoritajiet Ċentrali jistgħu:

- jgħinu biex jinstabu l-minuri jekk il-post fejn jinsabu ma jkunx magħruf.
- jikkuntattjaw lill-ġenitur l-ieħor jew lill-awtoritajiet fl-Istat Membru l-ieħor.
- jinkoraġġixxu l-medjazzjoni u mezzi oħra ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim.
- jipprovdu informazzjoni dwar il-proċeduri legali u l-għajnuna legali disponibbli.
- jibagħtu r-rikors lill-qorti kompetenti.
- jikkooperaw mal-qrati u mal-awtoritajiet fiż-żewġ Stati Membri matul il-proċedura kollha.

4 Kif taħdem il-kooperazzjoni bejn l-Awtoritajiet Ċentrali?

Meta l-Awtorità Ċentrali tirċievi applikazzjoni kompluta għar-ritorn, hija tittrażmettiha mingħajr dewmien lill-Awtorità Ċentrali tal-Istat Membru li fih ikunu ttieħdu l-minuri.

Fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol, l-Awtorità Ċentrali rikjesta trid tikkonferma li rċeviet l-applikazzjoni u tindika liema passi inizjali qed jittieħdu. Fejn ikun meħtieġ, jistgħu jintalbu dokumenti addizzjonali.

L-Awtorità Ċentrali rikjesta mbagħad jew tibgħat ir-rikors lill-qorti kompetenti jew tinforma lill-applikant dwar il-passi li għandhom jittieħdu biex jinbdew proċedimenti ta' ritorn. Dan jista' jinkludi, fejn xieraq, l-indikazzjoni tal-qorti kompetenti, l-għoti ta' informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-għajnuna legali jew tar-rappreżentanza legali jew l-għoti ta' informazzjoni dwar il-possibbiltà li l-kwistjoni tissolva b'mod amikevoli.

Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

5 Links relatati

- [L-ipproċessar ta' każijiet ta' ritorn li jkunu deħlin mill-qrati](#)
- [Sib l-Awtorità Ċentrali fil-pajjiż tal-UE tiegħek u informazzjoni rilevanti oħra](#)
- [Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament Brussell IIb](#)
- [Fuljett "Ħtif transkonfinali tat-tfal mill-ġenituri"](#)
- [Medjazzjoni tal-familja](#)
- [Sezzjoni tal-HCCH Responsabbli għall-Ħtif ta' Minuri](#)

 L-aħħar aġġornament: 25/06/2026

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.